# Mafkar imżewwaq b'siġar u ward
## 50 sena mill-bini ta' ġnien fi Triq Ħamet

Ċerimonja qasira iżda sinjifikativa saret f'Settembru 1964 fi Triq Ħamet. Hija parti minn kullana ta' ġrajjiet li jinsabu jimirħu fl-inħawi Ta' Ħamet li jmorru lura mijiet ta' snin. **Aaron Attard-Hili** jipprovdi ħarsa ħafifa lejn dawn l-avvenimenti.

It-toroq joffru numru ta' ġrajjiet u avventuri. Hija xena komuni li fi triq wieħed jilmaħ strutturi mhux komuni kif ukoll ħbula ta' dekorazzjonijiet ikkuluriti fil-ġnub jew fiċ-ċentru. Triq partikolari li toffri kurżita' ta' storja hija Triq Ħamet li mill-inħawi tal-kappella tal-Madonna Ta' Ħamet twassal sal-quċċata ta' fejn hemm il-belveder fl-inħawi tal-Qaċċa.

Fl-aljenazzjonijiet tas-sewqan ftit li xejn wieħed jgħaddi minn moħħu numru ta' aspetti li toffri din it-triq. Minbarra l-kurżita' tal-oriġini tal-isem tat-triq li jmur lura għall-mijiet ta' snin, l-aktar parti importanti li għandha din it-triq hija r-reċint li hemm fuq ix-xellug fil-parti d-dritta u watja eżattament fl-inħawi ta' fejn hemm is-serer. Fil-bidu ta' dan ir-reċint, li huwa għoli madwar żewġ filati għal tul ta' diversi metri matul it-triq, hemm plier għoli wieqaf li għandu l-parti ta' fuq tispiċċa b'kapitell kwadru b'żewġt iġnub tal-quċċata mżerżqin.



Dehra tal-plier.




Il-kapitell bil-lapida tat-tifkira traġika.

Qabel ma t-triq ħadet il-forma wiesgħa u dritta li għandha llum, partijiet minnha kienu ferm idjaq u mserrpa sas-snin 1950ijiet. Wara l-gwerra, il-vetturi kienu qed jiżdiedu u flimkien mal-karettuni miġbudin mill-ħmir u l-bgħula kienu qed joħolqu ngombru u tfixkil lil xulxin. Barra minn dan it-triq kienet ferm diffikultuża meta' wieħed iqis li kienet tkun fi dlam ċappa u mpassabbli bl-għadajjar tal-ilma minħabba li wiċċha kien imħarbat.

### Maħsuda fil-fjur

Il-preżenza tal-plier għoli jfakkar dawn il-karatteristiċi nkonvenjenti li saħansitra kienu anke traġiċi. L-iskrizzjoni ta' mal-faċċata tal-kapitell tfakkar inċident traġiku fejn tfajla mfarfra tilfet ħajjitha fl-aqwa taż-żgħożija tagħha. Rakkont ta' x'ġara sewwa matul il-lejl ta' qabel is-sebħ ta' nhar Santa Marija tas-sena 1926 jagħtih ir-rapport tal-pulizija fl-okkorrenza numru 1230.



It-tfajjel Francis Attard jaqra l-poeżija.
*(bil-kortesija ta' Joseph Camilleri ta' Victory Photo Studio, Xagħra)*

*"Nhar Santa Marija tas-sena 1926, f'nofs il-lejl neqsin kwart, Anton Borġ ta' 25 sena (Ta' Gajta) iben Ġjomarija mill-Qala, waqt li fil-jum ta'qabel il-ħin tan-nofs il-lejl neqsin kwart, kien qed isuq xarabank tal-kiri numru 144z minn Triq C*[asal] *Caccia fil-kontrada "Ta Caccia", Franġiska Sultana ta' 17-il sena, (Ta' Mattew) bint Wiġi li flimkien ma' oħtha, ta' 7 snin, it-tnejn jirrisjedu fid-dar numru 21, Triq Parsott, Xagħra, ippruvaw jaqsmu t-triq minn quddiem ix-xarabank. It-tnejn intlaqtu. Franġiska Sultana nqatlet fuq il-post u oħtha ntbagħtet l-Isptar Ċivili fejn it-tabib Dr. A. Tabone iċċertifika li kienet qed issofri minn ġrieħi ħfief.*

*L-imsemmi Anton Borġ kien arrestat mill-Ispettur E. Calleja u mressaq quddiem il-Maġistrat Dr. E. Bartoli akkużat talli b'imprudenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaġuna l-kawża tal-mewt ta' Franġiska Sultana u ġrieħi fuq ġisem oħtha."*

Il-pulizija ressqet numru kbir ta' persuni bħala xhieda li nzertaw kienu fuq l-istess karozza tal-linja f'dak il-mument tal-inċident. Ix-xhieda kienu: il-kuntistabbli A. Buttiġieġ; Ġużeppi Vella ta' 70 sena (Ta' Peċiċa) iben il-mejjet Franġisk ta' 20 Triq l-Għejun, Xagħra; Ġużeppi Buttiġieġ ta' 50 sena (Ta' Sistu) iben il-mejjet Mikiel ta' 40 Triq l-Għejun, Xagħra; Ġużeppi Camilleri ta' 60 sena [laqam mhux reġistrat] iben il-mejjet Grezzju ta' 20 Triq Parsott, Xagħra; Franġiska Buttiġieġ ta' 14-il sena (Ta' Sistu) Bint Ġużeppi ta' 4 Triq l-Għejun, Xagħra; Vinċenza Sultana ta' 17-il sena (Tal-Ghacci) bint Ġużeppi ta' 20 Triq l-Għejun, Xagħra; Antonja Ħili ta' 24 sena (Ta' Ferris) bint Karmnu ta' 5 Triq Marsalforn, Xagħra; Emmanuel Camilleri ta' 14-il sena (Ta' Schembri) bin [ġenitur mhux reġistrat] ta' 20 Triq Parsott, Xagħra u t-tobba Dr. C. Jaccarini, Dr. T. Cauchi u Dr. A. Tabone.

L-għada tal-inċident fatali, fis-16 t'Awwissu, il-Maġistrat tal-għassa, Dr. E. Bartoli, ordna li ssir l-awtopsja fuq il-katavru tal-vittma żagħżugħa, Franġiska. L-esperti mediċi Dr. C. Jaccani u Dr. T. Cauchi ddikjaraw li l-mewt kienet ikkaġunata minn xokk u emorraġija ta' xpakkatura fil-bażi tal-iskutella tar-ras.

**Fjur li ma jidbielx**

Donnha t-tifkira traġika tas-sena 1926 kellha tieħu xejra akbar ta' dekor meta 38 sena wara sar it-tħawwil ta' xtieli tal-oljandru fuq ix-xellug tal-plier. Din il-parti tat-triq kienet tifforma daħla wara li t-triq twessgħet u l-ġnub tagħha maqtugħin fid-dritt fis-snin 1950ijiet.

Fis-sena 1964 il-gżejjer Maltin kienu qed jiċċelebraw il-kisba tal-Indipendenza politika fil-qasam tal-amministrazzjoni ċivili tal-gvern minn idejn il-gvern kolonjali. F'Malta saru diversi ċelebrazzjonijiet fix-xahar ta' Settembru li laħqu l-qofol tagħhom fil-21 ta' Settembru 1964. Infatti jumejn wara, fit-23 ta' Settembru, gruppi ta' studenti subien u bniet mill-iskola elementari tax-Xagħra, ittieħdu Malta sabiex jieħdu sehem fir-rally tat-tfal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali.

Anke fil-gżira t'Għawdex tnedew numru ta' inizjattivi sabiex ifakkru dan l-avveniment nazzjonali. Waħda



It-tfal iħawlu x-xtieli tas-siġar.
*(bil-kortesija ta' Joseph Camilleri ta' Victory Photo Studio, Xagħra)*



It-tberik tal-ġnien mill-Arċipriet tax-Xagħra.
*(bil-kortesija ta' Joseph Camilleri ta' Victory Photo Studio, Xagħra)*

minn dawn l-inizjattivi kienet li jinbena ġnien fil-parti tat-triq Ħamet eżattament fid-daħla ta' ħdejn il-plier.

L-inizjattiva ta' dan il-proġett ittieħdet mill-Kunsill Ċiviku t'Għawdex. Fit-12 ta' Settembru 1964 is-Segretarju kiteb lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u talab sabiex tittieħed parti mit-triq fejn twessgħet sabiex isir reċint. L-ispazju jimtela bil-ħamrija u jitħawlu siġar in konnessjoni maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-Indipendenza f'Għawdex. Is-Segretarju talab li għal raġunijiet li ż-żmien kien qasir, id-dipartiment kellu jagħmel ordni diretta lill-kuntrattur mix-Xagħra, Victor Biġeni, sabiex jagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa. Waħda mill-kundizzjonijiet kienet li x-xogħlijiet riedu jkunu lesti sat-23 ta' Settembru.

Il-ġurnal "Leħen is-Sewwa" tat-3 t'Ottubru 1964 jagħti rapport estensiv dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li saru f'Għawdex. Parti minn dan ir-rapport jolqot iċ-ċerimonja li saret fl-inawgurazzjoni ta' dan il-ġnien u mar-rapport jippubblika anke żewġ ritratti. Il-programm kien imfassal li nhar is-Sibt filgħodu, 26 ta' Settembru, kellha ssir iċ-ċerimonja tat-tħawwil ta' siġar mill-uffiċjali governaturi u fil-preżenza ta' tfal mill-iskola primarja tax-Xagħra. Inzerta wkoll li kien il-jum iddedikat lis-siġar magħruf bħala "Arbor Day."

Il-"log books" taż-żewġ taqsimiet tal-iskola elementari tax-Xagħra jirreġistraw li l-involviment tat-tfal kien mifrux fuq jumejn: 25 u 26 ta' Settembru. Il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, il-bniet ħadu sehem fi Triq ix-Xagħra (illum Triq Ħamet) bħala parti mill-Arbor Day. L-għada, is-Sibt, is-26 ta' Settembru saret iċ-ċerimonja proprja uffiċjali.

L-ambjent ingħata atmosfera kkulurita meta matul il-ħajt oriġinali tat-triq twaqqfu numru ta' antarjoli u magħhom iddendlu bandalori. Għal din l-okkażjoni attendew is-subien u l-bniet tal-iskola elementari tax-Xagħra flimkien mas-surmastrijiet u l-għalliema kollha. Fost oħrajn kien hemm preżenti l-Arċipriet tax-Xagħra Monsinjur Mikelanġ Cauchi, il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Kummissarju għal Għawdex, rappreżentanti mill-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta, il-President tal-Kunsill Ċiviku għal Għawdex u l-uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi. Kien hemm ukoll preżenti l-*boy scouts* tar-Rabat.

It-tifla, Ġuża Farrugia, qrat poeżija miktuba mill-poeta Ġorġ Pisani bl-isem "Inħawlu s-Siġar" waqt li t-tifel, Francis Attard, qara t-talba jew il-wegħda tas-siġar li ġiet iffirmata minnu għan-nom ta' sħabu subien kif ukoll minn Rose Sultana għan-nom ta' sħabha bniet. Il-wegħda ġiet iffirmata wkoll mill-Ministru, mill-Kummissarju, mill-membri tal-Kamra tad-Deputati u oħrajn. Imbagħad l-Arċipriet Cauchi bierek is-siġar li tħawlu mit-tfal subien u bniet. Id-diskors ewlieni ngħata mill-Ministru li kellu t-tema prinċipali tiegħu dwar l-importanza tal-ġrajja storika tal-Indipendenza ta' Malta u sabiex it-tfal iħobbu dejjem aktar is-siġar.

Matul iċ-ċerimonja ħa sehem ukoll il-kor tal-iskola primarja tax-Xagħra li kien taħt id-direzzjoni tal-"master of singing" tal-iskejjel tal-gvern, Nazzareno Refalo. Fi tmiem iċ-ċerimonja l-kor kanta l-Innu Malti.



Il-ġnien kif jidher illum.